

RAPPORT DWAR ID-DRITTIJET FUNDAMENTALI— 2020

Is-sena 2019 ġabet magħha kemm progress kif ukoll ostakoli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020 tal-FRA* jirrieżamina żviluppi ewlenin fil-qasam, filwaqt li jidentifika kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li għad fadal. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta l-opinjoni tal-FRA dwar l-iżviluppi ewlenin fl-oqsma tematiċi koperti, u taqsira tal-evidenza li tappoġġa dawn l-opinjoni. Meta tagħmel dan, hija tipprovdi ħarsa ġenerali kompatta iżda informattiva tal-isfidi ewlenin fil-qasam tad-drittijiet fundamentali li qed tiffaċċja kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha.

OPINJONIJET TAL-FRA

1 [FOKUS]

Għaxar snin wara: nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-Karta

4

Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni

7

Ir-rażziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata

9

L-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom

11

L-asil, il-viżi, il-migrazzjoni, il-fruntieri u l-integrazzjoni

13

Is-soċjetà tal-informazzjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*

15


Id-Drittijiet tat-Tfal

17

L-aċċess għall-ġustizzja

19

L-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità



Il-manuskritt tlesta f'April 2020.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020

Print	ISBN 978-92-9474-938-3	ISSN 2467-2580	doi:10.2811/35629	TK-AM-20-001-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9474-934-5	ISSN 2467-2815	doi:10.2811/90577	TK-AM-20-001-MT-N

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2020

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet

© Ritratti:

Qoxra: © iStock/Joel Carillet; © Gettyimages/FG Trade; © iStock/DNY59; © FRA

Paġna 5: © iStock/Mixmike

Paġna 6: © iStock/BalkansCat

Paġna 7: © iStock/yacobchuk

Paġna 8: (fuq) © iStock/fizkes; (isfel) © iStock/Fertnig

Paġna 9: © FRA

Paġna 10: © iStock/Cylonphoto

Paġna 11, 12 (fuq): © iStock/Joel Carillet

Paġna 12 (isfel): © iStock/dinosmichail

Paġna 13: © iStock/gorodenkoff

Paġna 15: © iStock/skynesher

Paġna 17: © iStock/asiandelight

Paġna 18: © iStock/Remus Kotsell

Paġna 19: © iStock/Jovanmandic

Paġna 20: (fuq) © iStock/lisegagne; (isfel) © hedgehog94 - stock.adobe.com

GĦAXAR SNIN WARĀ: NISFRUTTAW IL-POTENZJAL SĦIĦ TAL-KARTA

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ilha legalment vinkolanti għal 10 snin. Fil-livell tal-UE, din kisbet viżibbiltà u ħolqot kultura ġdida fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Fil-livell nazzjonali, is-sensibilizzazzjoni u l-użu tal-Karta huma limitati. Il-qradi qed jużaw dejjem aktar il-Karta, li juri l-impatt ta' dan l-istrument modern. Iżda l-użu tagħha mill-gvernijiet u l-parlamenti għadu limitat. Pereżempju, ftit li xejn hemm indikazzjoni li xi ħadd qed iwettaq skrutinju regolari tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-dritt tal-Unjoni għall-kompatibbiltà mal-Karta. Il-Kunsill tal-UE stieden lill-Istati Membri biex regolarment jiskambjaw l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-Karta u jsaħħu l-korpi nazzjonali rilevanti. Madankollu, mhuwiex faċli li jiġi identifikat eżattament meta l-Karta tapplika fil-livell nazzjonali. Dan huwa ostaklu ewlieni għall-użu aktar sħiħ tagħha. Livell baxx ta' sensibilizzazzjoni dwar il-valur miżjud tagħha meta mqabbla mas-sorsi legali eżistenti u li ilhom stabbiliti huwa ostakolu serju ieħor. L-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja li jifhmu l-Karta u li jistgħu jimplementawha f'livelli nazzjonali u reġjonali/lokali jistgħu jgħinu biex jitwessa' l-użu tagħha u titjeb l-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk huwa essenzjali aktar taħriġ speċjalizzat tal-atturi nazzjonali dwar l-użu tal-Karta.

L-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirrikjedi li l-UE u l-Istati Membri jippromwovu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, iżda ftit li xejn sar xi ħaġa fil-livell nazzjonali f'dan ir-rigward. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Karta, adottati f'Ottubru 2019, jistiednu lill-Istati Membri biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta u jtejbu t-taħriġ għal dawk li jfasslu l-politika, l-impjegati taċ-ċivil u l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, kif ukoll l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn kollha jistgħu jgħinu biex jintlaħaq il-potenzjal tal-Karta.

Il-forniment ta' informazzjoni rilevanti għall-Karta jista' jittejjeb. S'issa, ma hemm l-ebda ħarsa ġenerali konsolidata tal-inizjattivi u l-esperjenzi prattiċi fl-implimentazzjoni tal-Karta fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Lanqas ma hemm punt ta' dħul uniku fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri għall-ġbir ta' informazzjoni li tirreferi għal esperjenzi rilevanti u torbot korpi rilevanti u individwi ma' xulxin sabiex ikunu jistgħu jippromwovu prattiki promettenti u jiskambjaw esperjenzi fil-livell nazzjonali.

L-OPINJONI 1.1 TAL-FRA

B'segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar il-Karta, l-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu li jniedu inizjattivi u politiki li għandhom l-għan li jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali. Dawn għandhom jużaw il-potenzjal tal-atturi nazzjonali rilevanti kollha. L-inizjattivi u l-politiki relatati mal-Karta għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jibnu fuq valutazzjonijiet regolari dwar l-użu u s-sensibilizzazzjoni tal-Karta f'kull Stat Membru. L-evidenza tista' tinġabar permezz ta' djalogi strutturati bejn diversi partijiet ikkonċernati dwar l-użu tal-Karta fil-livelli nazzjonali u lokali.

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jinnominaw "Punti fokali tal-Karta" fl-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Tali punti fokali jistgħu jiffaċilitaw il-koordinazzjoni, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-ippjanar konġunt bejn il-ministeri nazzjonali. Dawn jistgħu jservu wkoll bħala rabta bejn l-amministrazzjoni nazzjonali u korpi oħra, inklużi dawk b'mandat tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali. Barra minn hekk, dawn jistgħu jidentifikaw lakuni fis-sistema. Il-punti fokali jistgħu jiġbru flimkien informazzjoni rilevanti dwar l-użu tal-Karta u jikkondividuha mal-atturi nazzjonali fis-setturi rilevanti kollha u, fejn xieraq, mal-amministrazzjonijiet ta' Stati Membri oħra u l-istituzzjonijiet tal-UE.

L-OPINJONI 1.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu li jsaħħu r-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom dwar l-iskrutinju legali u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-abbozzi ta' liġijiet biex tittejjeb il-konsistenza mal-Karta. Tali proċeduri għandhom jirreferu b'mod espliċitu għall-Karta b'mod simili għal dak tad-drittijiet tal-bniedem kostituzzjonali u, f'xi każijiet, għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB).

Il-leġiżlaturi nazzjonali għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-dritt tal-Unjoni tikkonforma bis-siġħ mal-Karta.

Il-Kummissjoni Ewropea tista' tqis aktar opportunitajiet għall-finanzjament ta' istituzzjonijiet statutorji tad-drittijiet tal-bniedem, bħalma huma l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-korpi ta' ugwajanza jew l-istituzzjonijiet tal-ombudsman, biex tgħinhom jiżviluppaw għarfien espert dwar l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali. Dan jista' jiffaċilita r-rwol tagħhom biex jgħinu lill-Istati Membri japplikaw il-Karta, inkluż fit-tfassil tal-liġi u tal-politika u meta jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

L-OPINJONI 1.3 TAL-FRA

Fir-reviżjoni tal-istrateġija Ewropea tat-taħriġ ġudizzjarju tal-2011-2020, l-UE għandha tipprovdi taħriġ immirat u prattiku dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għandhom jiġu promossi wkoll opportunitajiet ta' taħriġ relatati mal-Karta f'politiki u programmi oħra tal-UE biex jiġi żgurat li l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u l-impjegati taċ-ċivil, kif ukoll l-esperti li jaħdmu f'istituzzjonijiet statutorji nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn skemi ta' taħriġ ipprovduti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.

L-Istati Membri tal-UE għandhom joffru lill-imħallfin tagħhom u lil operaturi fil-qasam tal-ġustizzja oħra taħriġ regolari, immirat u bbażat fuq il-ħtiġijiet dwar l-applikazzjoni tal-Karta. L-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u n-networks tagħhom fil-livell tal-UE għandu jkollhom riżorsi adegwati biex iħarrġu lill-persunal tagħhom dwar l-applikazzjoni tal-Karta.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar il-Karta jħeġġu lill-Istati Membri biex "jiżguraw il-konsistenza mal-Karta fir-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom". Il-leġiżlaturi nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw il-konsistenza mal-Karta meta jinkorporaw il-leġiżlazzjoni tal-UE fil-liġi nazzjonali. Madankollu, in-normi proċedurali nazzjonali dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-iskrutinju legali – b'kuntrast ma' dawk li jintużaw mill-UE – rari jsemmu l-Karta.

Ħafna mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkooperaw mal-FRA fil-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali tagħha jappellaw għal finanzjament akbar għal taħriġ dwar il-Karta, u biex l-UE ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiġbor informazzjoni dwar kif l-Istati Membri għandhom japplikaw il-Karta. Xi wħud jitolbu wkoll li jitfasslu linji gwida ta' implimentazzjoni prattiċi li jistgħu jgħinu lill-korpi nazzjonali biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni f'konformità mal-Karta.

Ir-riċerka tal-FRA turi li l-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs) ma jużawx il-potenzjal sħiħ tal-Karta. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2019 jenfasizzaw ir-"rwol kruċjali [tagħhom] fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u fl-iżgurar tal-konformità mal-Karta". Dan jinkludi l-ġoti ta' pariri lil dawk li jfasslu l-liġi nazzjonali dwar il-liġi u l-politiki li ġejjin f'dan ir-rigward. Skemi ta' finanzjament fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali jistgħu jgħinu lill-NHRIs u lil korpi oħra b'mandat tad-drittijiet tal-bniedem biex jiksbu għarfien espert dwar il-Karta.

L-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u l-uffiċjali tal-amministrazzjoni pubblika jeħtieġu taħriġ speċjalizzat biex japplikaw il-Karta, strument komparattivament ġdid, b'mod effettiv. Għal ħafna operaturi fil-qasam tal-ġustizzja li tħarrġu fil-liġi ħafna snin ilu, il-Karta ma kinitx parti mill-kurrikuli edukattivi tagħhom. L-użu tal-Karta jirrikjedi għarfien sod tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). L-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja jeħtieġ li jkunu familjari magħha biex jifhmu meta tapplika l-Karta, jekk dispożizzjoni speċifika tal-Karta hijiex dritt jew prinċipju, u jekk tistax tapplika bejn partijiet privati (effett dirett orizzontali) f'kuntest partikolari.

It-taħriġ ġudizzjarju rari jiffoka fuq id-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, kemm il-professjonisti jagħmlu użu mit-taħriġ disponibbli jvarja b'mod wiesa' minn Stat Membru għal ieħor. Ir-riċerka tal-FRA turi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tad-drittijiet tal-bniedem rarament joffru jew jipparteċipaw f'taħriġ dwar il-Karta. Inqas minn nofs il-25 istitut nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju li l-FRA kkonsultat isostnu li matul dawn l-aħħar 10 snin ġie offrut aktar taħriġ rilevanti għall-Karta jew li nkisbet sensibilizzazzjoni akbar dwar il-Karta.

L-iskambju ta' esperjenzi li saru bl-applikazzjoni tal-Karta huwa kruċjali għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, il-persuni għad għandhom esperjenza limitata fl-użu tal-Karta. Dawn għandhom pijunieri. It-tieni, ħafna każijiet fejn il-Karta taqdi rwol għandhom dimensjoni transnazzjonali, pereżempju jekk ikunu jinvolvu Mandat ta' Arrest Ewropew. Dan jagħmel l-iskambji internazzjonali ta' prattiki speċjalment importanti.

Il-Kunsill reċentement impenja lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP) biex iwettaq djalogu annwali dwar il-Karta. Dak jirrikonoxxi l-valur miżjud ta' tali skambji. Id-diskussjoni tibbenefika minn bażi ta' evidenza soda.



L-OPINJONI 1.4 TAL-FRA

Il-Kunsill u l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw aġġornamenti regolari tal-modulu li għadu kif jiġi introdott fil-pjattaforma tal-ġustizzja elettronika li tiġbor l-esperjenzi u l-attivitajiet relatati mal-Karta. Dawn għandhom iqajmu wkoll sensibilizzazzjoni dwar din l-għodda ġdida fost il-korpi nazzjonali rilevanti, inklużi l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-atturi tas-soċjetà ċivili, is-settur akkademiku u l-assoċjazzjonijiet professjonali. L-evidenza, bħal dik miġbura permezz tal-pjattaforma l-ġdida, tista' tiffirma l-bażi għall-iskambju ġdid tal-Karta fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP).

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jesploraw fora addizzjonali u opportunitajiet għal skambju biex jitlaqqgħu flimkien l-imħallfin, il-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili fl-UE kollha. Pereżempju, il-parlamenti nazzjonali jistgħu jużaw il-Konferenza tal-Komitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) bħala tali forum. Barra minn hekk, diversi netwerks jistgħu jibnu fuq l-esperjenza tal-passat u jinvolvu ruħhom fi djalogi regolari dwar il-Karta fost il-ġudikaturi nazzjonali. Dawn jinkludu n-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), in-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea (RJEU), u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdiżżjonijiet Amministrattivi Supremi (ACA). L-iskambji bejn l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili jistgħu jiġu organizzati permezz ta' pjattaformi xierqa. Il-korpi mhux ġudizzjarji jistgħu jibnu fuq eżempji tal-passat u jistabbilixxu skambji regolari tal-Karta permezz tan-Netwerk Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (Equinet) u n-Netwerk Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (ENNHRI). Ir-riżultati ta' tali skambji għandhom jiġu mxerrda fil-lingwi nazzjonali rispettivi biex ikun iggarantit li l-informazzjoni tasal għand l-atturi rilevanti fil-livelli nazzjonali u lokali.

2

UGWALJANZA U NONDISKRIMINAZZJONI

L-adozzjoni tant mistennija tad-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali ma seħħitx fl-2019, u dan ħalla l-qafas legali tal-UE kontra d-diskriminazzjoni mhux komplut. Madankollu, il-ħatra ta' Kummissarju ġdid għall-Ugwaljanza u l-adozzjoni ta' strumenti legali ġodda marbuta mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali avvanzaw l-aġenda dwar l-ugwaljanza. L-effettività u l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza, element ewlieni tal-qafas tal-politika dwar l-ugwaljanza, komplew iqajmu tħassib. L-UE u l-Istati Membri ħadu inizjattivi biex iżidu l-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza, inkluż permezz ta' ttestjar dwar id-diskriminazzjoni. Sadanittant, politiki nazzjonali dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni rriżultaw f'leġiżlazzjoni u pjanijiet ta' azzjoni. Xi wħud għandhom l-għan li jtejbu l-protezzjoni ta' gruppi partikolarment vulnerabbli. Oħrajn għandhom l-għan li jimplimentaw aħjar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Id-drittijiet fundamentali ta' persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) imxew 'il quddiem f'diversi Stati Membri. Fl-istess ħin, kien hemm reazzjoni negattiva kontra d-dritt bażiku ta' nondiskriminazzjoni f'oħrajn.

L-OPINJONI 2.1 TAL-FRA

Il-leġiżlatur tal-UE għandu jkompli jesplora l-perkorsi kollha possibbli biex jadotta d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali mingħajr aktar dewmien, fid-dawl tal-evidenza persistenti ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għal oġġetti u servizzi, inkluż is-settur tal-akkomodazzjoni. Dan jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE toffri protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni f'dawn l-oqsma ewlenin tal-ħajja.



L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-bażi għal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. S'issa, il-Kunsill tal-UE adotta leġiżlazzjoni li tipprovdi protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet tal-ġeneru u l-oriġini razzjali jew etnika fl-oqsma ewlenin tal-ħajja. Dawn jinkludu l-impjeg u x-xogħol, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għal oġġetti u servizzi, inkluż is-settur tal-abitazzjoni. B'kuntrast ma' dan, il-leġiżlazzjoni tal-UE tiproteġi kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali fil-qasam tal-impjegi biss. B'riżultat ta' dan, skont id-dritt tal-Unjoni, xi wħud mill-karatteristiċi protetti stabbiliti fl-Artikolu 19 tat-TFUE – is-sess u l-oriġini razzjali jew etnika – għandhom aktar protezzjoni minn oħrajn – ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali.

Fl-2008, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Direttiva dwar it-Trattament Ugwali (COM (2008) 426). Din telimina din il-lakuna billi testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet tar-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għal oġġetti u servizzi.

Fis-sena 2019 saru tentattivi mġedda biex jintemm l-istaġnar fin-negożjati fil-Kunsill dwar dan l-istrument legali kruċjali. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li timxi minn reġim ta' unanimità għal reġim ta' maġġoranza kwalifikata billi tagħmel użu mill-klawsola *passerelle* ġenerali skont l-Artikolu 48(7) tat-Trattat dwar l-UE (TUE). Il-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill organizzat dibattitu ta' orjentazzjoni tal-ministri biex jiġu esplorati modi possibbli biex ikun hemm progress. Id-diskussjoni żvelat li bosta Stati Membri tal-UE huma favur l-adozzjoni tad-direttiva bħala mod biex jiġu eliminati l-lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE u jiġi żgurat id-dritt ta' kull persuna li tiġi ttrattat fuq bażi ugwali. Madankollu, sa tmiem is-sena, il-Kunsill kien għadu ma laħaqx il-kunsens li kien jeħtieġ.

Id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi għal raġunijiet differenti jibqgħu realtajiet fil-ħajja ta' kuljum fl-UE kollha. Is-sejbiet tal-istħarriġ tal-FRA, l-Ewrobarometru Speċjali dwar id-Diskriminazzjoni fl-UE, u l-istudji nazzjonali bbażati fuq l-ittestjar dwar id-diskriminazzjoni ppubblikati fl-2019 jikkonfermaw dan. Il-persuni li jesperjenzaw diskriminazzjoni rari jirrappurtawha lil kwalunkwe awtorità, kif juru b'mod konsistenti wkoll l-istħarriġiet tal-FRA. Dan minkejja li l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom korpi tal-ugwaljanza, bħad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) u diversi direttivi dwar il-mandat tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Wieħed mill-kompiti ewlenin ta' dawn il-korpi tal-ugwaljanza huwa li jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni biex iressqu l-ilmenti tagħhom. Meta ġew mistoqsija għaliex ma rappurtawx li sofrew diskriminazzjoni, it-tweġiba l-aktar frekwenti tal-vittmi hija għaliex jaħsbu li kieku kellhom jirrappurtaw xejn ma kien se jinbidel. Dan jissuġġerixxi l-eżistenza ta' sfidi għall-effettività, l-indipendenza u l-adegwatezza tar-riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi tal-korpi tal-ugwaljanza; dawn huma riflessi wkoll fir-rapporti dwar il-pajjiżi ppubblikati fl-2019 mill-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill tal-Ewropa fil-ħames ċiklu ta' monitoraġġ tiegħu.

Id-*data* dwar l-ugwaljanza hija indispensabbli biex jiġu infurmati l-politiki ta' nondiskriminazzjoni bbażati fuq l-evidenza, ix-xejriet ta' monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Madankollu, kif jirrikonoxxi l-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità (HLG), l-Istati Membri tal-UE għad ma għandhomx approċċ ikkoordinat għall-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

L-HLG jirrikonoxxi sfidi komuni oħra għall-Istati Membri. Dawn jinkludu żbilanċ fir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u oqsma tal-ħajja li għalihom tinġabar id-*data*, kif ukoll konsultazzjonijiet insuffiċjenti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fit-fassil u l-implimentazzjoni tal-ġbir tad-*data*. Il-*Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza* (*Guidelines on improving the collection and use of equality data*) li l-HLG adotta fl-2018 joffru gwida konkreta dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn l-isfidi fil-livell nazzjonali.

Fl-2019, is-Sottogrupp tal-HLG dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza, immexxi mill-FRA, ippubblika żewġ għodod addizzjonali. Il-kompendju tal-prattiki li jirrigwarda d-*data* dwar l-ugwaljanza jipprovdi ispirazzjoni għall-implimentazzjoni tal-linji gwida fil-prattika. L-għodda dijanjostika tal-immappjar tista' tintuża biex jiġu identifikati lakuni fid-*data* u bħala bażi għall-iżvilupp ta' ċentru ta' *data* dwar l-ugwaljanza. Xi Stati Membri tal-UE diġà qed japplikaw kemm il-linji gwida kif ukoll l-għodod komplementari bħala bażi għal titjib. Għalkemm il-linji gwida huma maħsuba għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jistgħu japplikawhom ukoll b'analoġija biex isaħħu l-monitoraġġ tad-diversità.



Matul is-sena sar ukoll ammont akbar ta' ttestjar dwar id-diskriminazzjoni biex tiġi prodotta evidenza oġġettiva tad-diskriminazzjoni. Dan jikkomplementa b'mod utli sorsi oħra bħal stħarriġ dwar esperjenzi ta' diskriminazzjoni. Barra minn hekk, għadd ta' Stati Membri tal-UE taw aktar attenzjoni lid-diskriminazzjoni li tirriżulta minn taħlita jew intersezzjoni ta' aktar minn raġuni waħda – diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali.



L-OPINJONI 2.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv il-kompiti mogħtija lilhom fil-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni tal-UE. Dan jinvolvi li jiġi żgurat li l-korpi tal-ugwaljanza jkunu indipendenti u jkollhom riżorsi suffiċjenti. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Nru 2 tal-Politika Ġenerali riveduta tal-ECRI.



L-OPINJONI 2.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu l-isforzi lejn approċċ ikkoordinat fir-rigward tal-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza sabiex jużaw id-*data* dwar l-ugwaljanza bħala bażi għal politiki bbażati fuq l-evidenza fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Dawn għandhom jiddependu minn sett komprensiv ta' għodod ta' ġbir ta' *data*, inklużi stħarriġiet u ttestjar dwar id-diskriminazzjoni, u jiżviluppaw strateġiji biex ikopru b'mod adegwat sitwazzjonijiet li fihom raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni jiltaqgħu jew jagħxix flimkien. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri tal-UE għandhom iqisu b'mod xieraq il-*Linji Gwida* dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza li ġew adottati mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità. Dawn jistgħu jużaw ukoll l-għodda tal-immappjar u l-kompendju ta' Prattiki li jikkomplementawhom. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għandhom iqisu li japplikaw dawn il-linji gwida fl-istrutturi tagħhom stess.

L-OPINJONI 2.4 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jkomplu jadottaw u jimplimentaw miżuri speċifiċi biex jiżguraw li l-persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI) ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazżjonali. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jindirizzaw l-impatt dannuż ta' dikjarazzjonijiet omofobiċi u transfo- biċi li jagħmlu l-awtoritajiet pubbliċi jew l-uffiċjali. L-Istati Membri għandhom iqisu l-evidenza disponibbli dwar id-diskrimi- nazżjoni, inkluża *data* tal-Istħarriġ II dwar l-LGBTI tal-FRA, biex jidentifikaw u jin- dirizzaw b'mod adegwat il-lakuni fil-pro- tezzjoni. B'mod partikolari, għandhom jit- tieħdu miżuri biex tiġi żgurata s-sikurezza għaż-żgħażagħ LGBTI fl-iskejjel.

Fi Frar 2019, il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni Ewropea biex tadotta dokument strateġiku ġdid biex titrawwem l-ugwaljanza għall-persuni LGBTI fis-snin li ġejjin. Dan jagħti segwitu għal-*Lista ta' azzjonijiet 2016-2019 mill-Kummissjoni għall-avvanz tal-ugwaljanza għal-LGBTI*. Fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2020, il-Kummissjoni Ewropea inkludiet strateġija ddedikata biex tiżgura l-ugwaljanza tal-persuni LGBTI fl-UE kollha.

Fl-2019, id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI avvanzaw f'diversi Stati Membri. B'mod partikolari, il-koppji tal-istess sess kisbu aktar drittijiet, u l-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni espandew biex ikopru b'mod espliċitu l-identità tal-ġeneru jew il-karatteristiċi sesswali.

Madankollu, f'xi Stati Membri, il-parlamenti ċaħdu abbozzi ta' liġijiet immirati lejn ir-rikonoxximent legali tal-koppji tal-istess sess. F'xi oħrajn, id-dritt ta' nondiskriminazzjoni jew il-libertà tal-għaqda sab ostakoli fir-rigward tal-ugwaljanza tal-persuni LGBTI.

Fl-2019, il-FRA wettqet it-tieni Stħarriġ tagħha dwar l-LGBTI. Ir-riżultati juru li l-persuni LGBTI jkomplu jesperjenzaw diskriminazzjoni f'ħafna oqsma tal-ħajja. Fit-18 ta' Diċembru, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTI. Ir-riżoluzzjoni tevalwa x-xejriet attwali ta' tħassib li ġew osservati fl-UE kollha. Dawn jinkludu "attakki fuq ċentri soċjali LGBTI f'diversi Stati Membri, dikjarazzjonijiet omofobi u diskors ta' mibegħda mmirat lejn persuni LGBTI, b'mod partikolari fil-kuntest ta' elezzjonijiet; jew strumenti legali li jistgħu jiġu applikati biex jirrestrinġu l-midja, l-edukazzjoni u l-aċċess għal forom oħra ta' kontenut b'mod li jillimita bla bżonn il-libertà ta' espressjoni rigward kwistjonijiet LGBTI".



3

IR-RAZZIŻMU, IL-KSENOFOBIA U L-INTOLLERANZA RELATATA



Dsatax-il sena wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u 11-il sena wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija, diversi Stati Membri ma ttrasponewx u ma applikawx b'mod korrett il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-qrati nazzjonali jstabilixxu standards dwar il-limiti tal-libertà tal-kelma u l-inċitament għall-mibegħda u d-diskors ta' mibegħda. Fil-livell tal-UE, kien hemm xi żviluppi fil-politika dwar l-antisemitiżmu fl-2019, iżda kienu ftit ferm l-iżviluppi li indirizzaw ir-raZZiżmu u l-ksenofobija. Xi Stati Membri adottaw politiki biex jindirizzaw aħjar ir-raZZiżmu u biex iħeġġu lin-nies jirrapportaw reati ta' mibegħda, iżda l-valutazzjoni tal-impatt tagħhom baqgħet diffiċli. Persuni bi sfondi ta' minoranza u l-migranti komplew jesperjenzaw fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni etnika u razzjali f'oqsma differenti tal-ħajja fl-UE, skont sħarriġ u sejbiet ta' sħarriġ. Ir-riċerka f'għadd ta' Stati Membri wriet li fl-2019, it-tfassil ta' profil etniku diskriminatorju baqa' sfida persistenti.

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (2008/913/ĠAI) jiddeskrivi l-miżuri li l-Istati Membri għandhom jieħdu biex jikkastigaw imġiba razzista u ksenofobika intenzjonata. L-Artikolu 4 jirrikjedi wkoll li l-qrati jqisu l-motivazzjoni abbażi ta' preġudizzju bħala ċirkostanza aggravanti jew li jqisuha fid-determinazzjoni tal-penali imposti fuq it-trasgressuri. Il-Premessa 63 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE) taferma li, sabiex jitħeġġeġ u jiġi ffaċilitat ir-rapportar tar-reati, jeħtieġ li l-professjonisti jiġu mħarrġa u għandhom jiġu implimentati miżuri li jippermettu r-rapportar ta' partijiet terzi. L-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tinvolvi l-iżgurar li l-vittmi u x-xhieda jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati ta' mibegħda, u li l-pulizija jidentifikaw il-vittmi ta' reati ta' mibegħda u jirreġistraw il-motivazzjoni razzista fil-mument tar-rapportar.

Sal-2019, diversi Stati Membri ma ttrasponewx b'mod sħiħ u korrett id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas, kif juru r-rapporti minn korpi ta' monitoraġġ internazzjonali u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-qrati nazzjonali jstabilixxu limiti għall-użu tal-libertà tal-kelma biex jiġi ġġustifikat id-diskors ostili u l-inċitament għall-mibegħda. Xi Stati Membri adottaw linji gwida għall-persunal tal-ġustizzja kriminali dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' mibegħda. Għadd minnhom indirizzaw in-nuqqas ta' rapportar permezz ta' rapportar minn partijiet terzi u l-involvement mill-komunità. Madankollu, ir-riċerka tal-FRA u studji oħra juru b'mod konsistenti li r-reati ta' mibegħda jibqgħu mhux irrapportati u mhux irreġistrati b'mod wiesa', u l-ġbir ta' data nazzjonali dwar ir-reati ta' mibegħda mhux biżżejjed.



L-OPINJONI 3.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jittrasponu u japplikaw b'mod sħiħ u korrett id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija. Barra minn hekk, dawn għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkriminalizzaw il-kriminalità motivata mill-preġudizzju (reat ta' mibegħda), filwaqt li jindirizzaw il-motivazzjoni razzista u ksenofobika bħala ċirkostanza aggravanti.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jistabilixxu miżuri li jħeġġu r-rapportar ta' reati ta' mibegħda u jiffaċilitaw li l-vittma tiġi ggwidata lejn is-servizzi ta' appoġġ. Barra minn hekk, dawn għandhom jiżguraw li kwalunkwe allegat reat ta' mibegħda jiġi effettivament irreġistrat, investigat, mixli u pproċessat. Dan jeħtieġ li jsir f'konformità mad-dritt nazzjonali, tal-Unjoni, Ewropew u internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu sforzi ulterjuri biex jirreġistraw b'mod sistematiku data dwar reati ta' mibegħda, jiġbruhom u jipublikawhom kull sena. Id-data għandha tkun diżaggregata, bħala minimu, skont il-motivazzjoni abbażi tal-preġudizzju, it-tip ta' reat, u s-sess u l-età tal-vittma/vittmi u l-awtur(i), sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw risponsi legali u ta' politika effettivi u bbażati fuq l-evidenza għal dan il-fenomenu. Kwalunkwe data għandha tinġabar skont l-oqfsa legali nazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

L-OPINJONI 3.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu b'mod sinifikanti l-effettività tal-miżuri u l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi biżżejjed. Dan jista' jnaqqas l-ostakli li jiffaċċjaw il-minoranzi etniċi u l-immigranti meta jippruvaw jaċċessaw l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

Biex jiġi miġġieled il-preġudizzju potenzjali fil-konfront ta' persuni li jappartjenu għal gruppi etniċi minoritarji, u biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-miżuri jistgħu jinkludu diversi elementi. Dawn jinkludu l-introduzzjoni ta' politiki ta' reklutaġġ mingħajr l-isem; il-monitoraġġ ta' prattiki diskriminatorji; is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ dwar preġudizzju mhux intenzjonat; l-appoġġ lill-impjegaturi u lis-sħab soċjali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-ostakoli għall-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol; u l-għoti ta' taħriġ kontra d-diskriminazzjoni lill-impjegaturi f'kumpaniji privati u servizzi pubbliċi.

L-OPINJONI 3.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżviluppaw gwida speċifika, prattika u li tkun lesta għall-użu biex jiżguraw li l-uffiċjali tal-pulizija ma jwettqux tfassil ta' profili etniċi diskriminatorji fit-twetiq tad-dmirijiet tagħhom. Tali gwida għandha tinħareġ mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tiġi inkluża fi proċeduri operattivi standard tal-pulizija, kif ukoll f'kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali tal-pulizija. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw b'mod sistematiku tali gwida lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi l-aktar esposti.

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika u r-razza. Bl-istess mod, l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika jew razzjali fl-aċċess għall-edukazzjoni; l-impjiegi; is-servizzi, inkluż is-settur tal-abitazzjoni; u l-protezzjoni soċjali; inkluża l-kura tas-saħħa. Ir-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem juru li l-Istati Membri jeħtieġ jagħmlu aktar sforzi biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva b'mod korrett. Il-membri tal-gruppi etniċi minoritarji, inklużi dawk li huma migranti, għandhom qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-UE kollha fl-oqsma kollha tal-ħajja, kif juru s-sejbiet tal-FRA u sejbiet oħra tar-riċerka – ħafna drabi meta jkunu qed ifittxu impjeg u akkomodazzjoni.




Ir-riċerka f'għadd ta' Stati Membri turi l-persistenza ta' inċidenti ta' tfassil ta' profili etniċi diskriminatorji mill-pulizija. Tali tfassil tal-profilu jista' jnaqqas il-fiduċja fl-infurzar tal-liġi. Dan imur ukoll kontra l-prinċipji tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD) u standards internazzjonali oħra, inklużi dawk inkorporati fil-KEDB u fil-ġurisprudenza relatata tal-QEDB, kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.



4

L-UGWALJANZA U L-INKLUŻJONI TAR-ROM



Is-sena 2019 immarkat 10 snin minn meta l-Kunsill tal-UE adotta Konklużjonijiet dwar l-inklużjoni tar-Rom, li tfejjeu fl-ewwel laqgħa tal-Pjattaforma tal-UE għall-Inklużjoni tar-Rom. Id-dokument kien fih 10 prinċipji bażiċi komuni dwar l-inklużjoni tar-Rom. Il-prinċipju 4 jappella li l-politiki kollha għall-inklużjoni tar-Rom “idaħħlu r-Rom fis-soċjetà ġenerali (istituzzjonijiet edukattivi ġenerali, impjiegi ġenerali, u akkomodazzjoni ġenerali)” [traduzzjoni mhux uffiċjali] u jegħlbu “l-edukazzjoni jew l-akkomodazzjoni segregata b’mod parzjali jew b’mod sħiħ” [traduzzjoni mhux uffiċjali] fejn tkun għadha teżisti. Iżda għaxar snin ta’ sforzi fil-livelli tal-UE, internazzjonali, nazzjonali u lokali jidhru li r-riżultat fi ftit tibdil tanġibbli, kif muri fl-istħarriġ u r-rapporti tal-FRA u fir-Rapport dwar l-implimentazzjoni ta’ strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom tal-2019 tal-Kummissjoni Ewropea. Ħafna persuni Rom għadhom jgħixu b’mod segregat. Dawn jiffaċċjaw ostilità minn ġirien mhux Rom u ma għandhomx fiduċja fil-politiki lokali u nazzjonali li jonqsu milli jieħdu passi effettivi biex jindirizzaw l-anti-Żingariżmu.

Il-Gwida għall-Istati Membri dwar l-użu tal-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej fl-indirizzar tas-segregazzjoni edukattiva u spazjali (*Guidance for Member States on the use of European Structural and Investment Funds in tackling educational and spatial segregation*) tal-Kummissjoni Ewropea tirrikjedi li, fl-operazzjonijiet kollha ta’ akkomodazzjoni u edukazzjoni, il-prinċipju tad-desegregazzjoni għandu jitqies bħala l-ewwel għażla. In-nota tindika b’mod espliċitu li għandha tiġi evitata l-konstruzzjoni ta’ faċilitajiet edukattivi ġodda f’viċinati segregati b’mod spazjali.

Ftit li xejn hemm evidenza ta’ progress fl-indirizzar tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni mill-aħħar sħarriġ tal-FRA li sar fl-2016. L-istudenti Rom jibqgħu jittqiegħdu fi klassijiet jew skejjel separati, f’xi każijiet skejjel speċjali segregati, minkejja l-eżistenza ta’ sett ta’ għodod, gwidi u manwali dwar id-desegregazzjoni edukattiva li l-esperti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu pproduċew.



L-OPINJONI 4.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jeliminaw is-segregazzjoni fl-iskejjel, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni abbażi tal-orijini razzjali jew etnika u biex jiġi miġġieled l-anti-Żingariżmu. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-użu ta’ metodi differenti. Pereżempju, dawn jistgħu jirrieżaminaw iż-żoni koperti mid-distretti u t-trasport tal-iskejjel tal-istudenti Rom biex jevitaw il-konċentrazzjoni tagħhom f’ċerti skejjel, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-istudenti Rom biex itejbu l-prestazzjoni edukattiva tagħhom u jippromwovu l-integrazzjoni tagħhom fi klassijiet ġenerali.



L-OPINJONI 4.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom isafnu l-komponenti tal-akkomodazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Rom jew settijiet integrati ta' miżuri ta' politika, sabiex jiġi żgurat li l-persuni Rom kollha jgħixu f'akkomodazzjoni mhux segregata ta' standard adegwat. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jqisu li jadattaw il-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom fis-Semestru Ewropew biex jinkludu miżuri li jindirizzaw il-privazzjoni ta' abitazzjoni severa fost ir-Rom. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'mod effettiv biex jindirizzaw is-segregazzjoni tal-akkomodazzjoni u jtejbu l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata.

L-OPINJONI 4.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu l-metodoloġiji u l-għodod ta' ġbir ta' *data* tagħhom li jintużaw għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-inklużjoni tar-Rom sabiex ikunu jistgħu jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza fl-oqsma tematiċi ewlenin koperti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar miżuri effettivi ta' integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri. Id-*data* għandha tippermetti monitoraġġ effettiv ta' sforzi ta' desegregazzjoni fil-livelli nazzjonali u lokali f'konformità sħiħa mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

L-Artikolu 34 tal-Karta jirrikonoxxi u jirrispetta b'mod speċifiku d-dritt għall-assistenza soċjali u għall-akkomodazzjoni biex tiġi żgurata eżistenza deċenti għal dawk kollha li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, f'konformità mar-regoli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u mil-liġi nazzjonali biex jiġu miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Barra minn hekk, l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, bħalma huma l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Karta Soċjali Ewropea (Riveduta), jirrikjedu li l-Istati jiżguraw li jkun hemm standard adegwat għal kulħadd.

Minkejja dan, ħafna persuni Rom għadhom jgħixu f'kuntesti segregati, ta' spiss f'kundizzjonijiet ħżiena. Meta l-persuni Rom jkun u jgħixu fid-djar jew fi gribeċ mingħajr permess tal-bini, xi gvernijiet lokali jkomplu jkeċċuhom mingħajr ma jirrispettaw is-salvagwardji skont il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jħalluhom mingħajr saqaf fuq rashom.

Is-segregazzjoni għal raġunijiet tal-orijini etnika tikser l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-Artikolu 3 dwar l-oportunitajiet indaqs u l-Artikolu 19 dwar l-akkomodazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Miżuri li jindirizzaw is-segregazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq *data* diżaggregata skont l-orijini etnika. Tali *data* bħalissa ma teżistix fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Xi Stati Membri joqogħdu lura milli jiġbru jew jirrikonoxxi l-ħtieġa li tinġabar *data* diżaggregata skont l-orijini etnika. Din id-*data* se tkun meħtieġa għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet abilitanti proposti applikabbli għall-FEŻR, l-FSE + u l-Fond ta' Koeżjoni. Wieħed mill-kriterji ta' twettiq għall-kundizzjoni abilitanti 4, "Ewropa aktar soċjali bl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" [traduzzjoni mhux uffċjali], jirrikjedi b'mod speċifiku li l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom jinkludu miżuri għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tas-segregazzjoni.



5

L-ASIL, IL-VIŻI, IL-MIGRAZZJONI, IL-FRONTIERI U L-INTEGRAZZJONI

Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri baqa' wieħed mill-akbar sfidi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE. Kien hemm imwiet fuq il-baħar, theddid kontra dgħajjes tas-salvataġġ umanitarji, u allegazzjonijiet ta' vjolenza u pushbacks informali. Fi ftit Stati Membri, l-applikanti għall-asil komplew jiffaċċjaw affollament eċċessiv u l-problema ta' persuni mingħajr dar. L-ewwel ċiklu ta' ħames snin tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen sab lakuni fid-drittijiet fundamentali fil-politiki ta' ritorn, iżda inqas fil-ġestjoni tal-fruntieri. L-UE adottat leġiżlazzjoni li tipprovdi l-bażi ġuridika biex is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni fuq skala kbira tagħha jsiru interoperabbli. L-istrumenti li jirregolaw dawn is-sistemi jipprovdu salvagwardji, iżda l-effettività tagħhom tiddependi minn kif dawn jiġu implimentati. Sadanittant, id-detenzjoni tal-immigranti tfal żdiedet. Tfal mhux akkumpanjati li jagħlqu 18-il sena xorta waħda esperjenzaw lakuni fid-drittijiet u s-servizzi, li jdgħajfu l-inklużjoni soċjali tagħhom.

Ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri jibqa' wieħed mill-akbar sfidi fl-UE. Fl-2019, komplew jippersistu allegazzjonijiet ta' vjolenza u pushbacks informali. Sadanittant, in-nies mienu fuq il-baħar waqt li kienu qed jippruvaw jaslu fl-UE, u d-dgħajjes tas-salvataġġ umanitarju ffaċċjaw theddid. Id-dewmien fl-iżbark poġġa f'riskju s-sigurtà u l-integrità fiżika tal-migranti u r-refuġjati salvati mill-baħar. Is-setgħat imsaħħa tal-UE fil-fruntieri jirriżultaw f'responsabbiltà akbar fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Il-leġiżlatura tal-UE pprovdiet lill-Frontex diversi għodod interni biex tiproteġi d-drittijiet fundamentali.

L-OPINJONI 5.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom isaħħu l-miżuri preventivi tagħhom kontra kwalunkwe mgħiba abbużiva mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Dawn għandhom jinvestigaw ukoll b'mod effettiv l-allegazzjonijiet kredibbli kollha ta' *refoulement* u vjolenza mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-fruntieri, b'mod partikolari dawk li jsiru minn korpi statutorji nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn għandhom jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u mal-pajjiżi terzi biex jiżguraw żbark sikur, rapidu u prevedibbli għall-migranti u r-refuġjati li jiġu salvati mill-baħar, b'mod li jikkonforma mal-prinċipju ta' *non-refoulement*. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet kollha dwar id-drittijiet fundamentali inklużi fir-regolament il-ġdid tagħha.



L-OPINJONI 5.2 TAL-FRA

Sabiex jiġi promoss id-dritt tat-tfal għall-protezzjoni u l-kura skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżviluppaw sistemi kredibbli u effettivi li jagħmlu ż-żamma tat-tfal għal finijiet ta' asil jew ritorn mhux meħtieġa. Dan huwa l-każ irrispettivament minn jekk it-tfal ikunux fl-UE waħedhom jew mal-familji tagħhom.

L-OPINJONI 5.3 TAL-FRA

Fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffoka aktar fuq is-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali inklużi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inkluż l-aderenza għall-prinċipju ta' *non-refoulement*.

L-OPINJONI 5.4 TAL-FRA

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel użu sħiħ mill-għarfien espert ta' korpi u aġenziji speċjalizzati tad-drittijiet tal-bniedem fil-livelli nazzjonali u tal-UE meta tħaddem sistemi tal-IT fuq skala kbira u meta tivvaluta l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jibnu dispożizzjonijiet b'saħħithom dwar id-drittijiet fundamentali fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha għat-tħaddim ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-interoperabbiltà tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* u r-rekwiżiti ta' nondiskriminazzjoni. Dan biex jiġi żgurat li l-industrija li tipprova tali sistemi tagħti l-attenzjoni xierqa għall-ħtieġa li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet legali internazzjonali u tal-UE rilevanti. Miżuri possibbli jistgħu jinkludu rekwiżit vinkolanti li jinvolvi esperti fil-protezzjoni tad-*data* u speċjalisti tad-drittijiet tal-bniedem fit-timijiet li jaħdmu fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija, sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-drittijiet fundamentali mid-tfassil.

L-OPINJONI 5.5 TAL-FRA

Fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni previst għall-2020, il-Kummissjoni Ewropea għandha tenfasizza l-ħtieġa li t-tfal mhux akkumpanjati jkomplu jiġu appoġġati fit-tranżizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta. Din għandha tteġġeg ukoll lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu użu sħiħ mill-possibiltajiet offruti mil-liġi nazzjonali.

Filwaqt li d-dritt tal-Unjoni ma jipprobbix id-detenzjoni amministrattiva tat-tfal f'kuntast ta' migrazzjoni, hemm rekwiżiti stretti li jirriżultaw mill-Karta u l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Tfal li japplikaw għall-asil jew li jkun fi proċeduri ta' ritorn jistgħu jiġu mċaħħda mil-libertà biss bħala miżura ta' eċċezzjoni tal-aħħar rimedju. Fil-prattika, madankollu, id-detenzjoni tal-immigranti tfal ta' spiss mhijiex miżura ta' eċċezzjoni fl-UE.

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen iservi biex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, il-korp tad-dritt tal-Unjoni ppromulgat biex jikkompensa għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. L-ewwel ċiklu ta' ħames snin tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen identifika lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-politiki ta' ritorn, iżda inqas fil-ġestjoni tal-fruntieri.

Fl-ispażju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, l-UE stabilixxiet tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira u adottat leġislazzjoni biex tistabilixxi tlieta oħra. Tali sistemi tal-IT jgħinu biex jiġu ġestiti l-migrazzjoni, l-asil, il-fruntieri u l-kooperazzjoni tal-pulizija, u, fl-aħħar mill-aħħar, iservu biex tissaħħaħ is-sigurtà interna. L-UE għamlet is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tagħha interoperabbli, u inkludiet salvagwardji rilevanti dwar id-drittijiet fundamentali. Madankollu, jeħtieġ li s-sistemi japplikaw dawn is-salvagwardji fil-prattika. Skont ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-interoperabbiltà fuq id-drittijiet fundamentali u fuq id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.



Meta t-tfal mhux akkumpanjati jagħlqu 18-il sena, dawn jesperjenzaw lakuni fid-drittijiet u s-servizzi. Dan idgħajjed il-perkors tagħhom lejn l-inklużjoni soċjali. Ħafna Stati Membri tal-UE għandhom arranġamenti għal appoġġ immirat għal tali persuni anke wara li jagħlqu t-18-il sena. Madankollu, fil-prattika, huma f'tit ħafna t-tfal li jibbenefikaw minn tali appoġġ.



6

IS-SOĊJETÀ TAL-INFORMAZZJONI, IL-PRIVATEZZA U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

Is-sena 2019 kienet l-ewwel sena sħiħa li fiha ġie applikat ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). B'mandat imġedded u estiż, l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data mexxew il-proċess ta' infurzar fl-UE kollha. Dawn iffaċċjaw ammont ta' xogħol li kien kbir, u li qed jiżdid b'mod stabbli. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili speċjalizzati fil-protezzjoni tad-data taw prova li huma alleati b'saħħithom fl-implimentazzjoni tal-GDPR. B'mod parallel, l-użu dejjem akbar ta' teknoloġiji ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali u r-rikonnoxximent tal-wiċċ, kompli joħloq sfidi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, inkluż fir-rigward tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Bħal fis-snin preċedenti, l-użu ħażin ta' data personali u teknoloġiji ġodda kienu ta' theddida kemm għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għall-proċessi demokratiċi. Baqgħu jippersistu l-isfidi b'kontenut online illegali u d-diżinformazzjoni, li wasslu lill-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali jqisu mill-ġdid il-perkorsi legali u tekniċi biex jindirizzawhom b'mod effettiv.

Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-ammont ta' xogħol tal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data kien bla preċedent. L-għadd ta' investigazzjonijiet u lmenti rdoppja fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE. Il-kuntatti ma' entitajiet pubbliċi u privati li jipproċessaw data personali ġieli ttriplaw. B'mod parallel, l-awtoritajiet superviżorji kellhom jorganizzaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ, filwaqt li kellhom jispjegaw ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data kemm lill-individwi kif ukoll lill-professionisti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data.

Fl-2019, ir-riżorsi finanzjarji u umani żdiedu għal għadd ta' awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data, iżda diversi minn dawn is-superviżuri enfasizzaw li dawn għadhom mhumiex biżżejjed biex ilaħħqu mal-ammont ta' xogħol. Fl-aħħar mill-aħħar dan jista' jipperikola t-tweqqiq mill-awtoritajiet tal-mandat tagħhom.



L-OPINJONI 6.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data jirċievu biżżejjed riżorsi biex ikunu jistgħu jwettqu l-mandati tagħhom b'mod effettiv. L-Istati Membri tal-UE għandhom jappoġġaw rieżaminiet indipendenti u oġġettivi tal-ammont ta' xogħol tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-data biex jivvalutaw jekk il-baġits attwali u r-riżorsi umani jippermettulhomx iwettqu l-mandati u l-kompiti tagħhom.



L-OPINJONI 6.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw finanzjament adegwat ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkwalfikati bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa bil-qawwa biex jagħmlu użu mill-klawsola ta' ftuħ fl-Artikolu 80(2) tal-GDPR fil-liġijiet nazzjonali, biex b'hekk jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkwalfikati jressqu lmenti rigward il-ksur tal-protezzjoni tad-*data* indipendentement mill-mandat ta' suġġett tad-*data*.

L-OPINJONI 6.3 TAL-FRA

Il-leġiżlaturi tal-UE u dawk nazzjonali għandhom jiżguraw li l-oqfsa regolatorji tal-UE u l-ħidma leġiżlattiva ta' tnejnija tal-futur u dawk li għad-dejjin bħalissa jindirizzaw u jippromwovu valutazzjonijiet trasparenti u bir-reqqa tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, kull meta jintużaw teknoloġiji tal-IA. Biex dan jiġi kkumplimentat, is-sorveljanza ta' korpi superviżorji indipendenti hija essenzjali biex jiġu ggarantiti r-responsabbiltà, l-affidabbiltà u l-ġustizzja.

jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali u kif għandu jsir monitoraġġ tal-konformità qabel ma jseħħ il-ksur reali.

Ħames snin wara li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) invalidat id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' *Data* (2006/24/KE), ftit li xejn sar progress fil-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri fir-rigward tal-adattament tar-regoli eżistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-QĠUE. Il-biċċa l-kbira tal-isforzi mill-Istati Membri jiffukaw fuq ir-rekwiżiti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex ikollhom aċċess legali għad-*data* li l-fornituri tas-servizzi jżommu. Madankollu, bi ftit eċċezzjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żammew skema ġenerali ta' żamma ta' *data* li tkopri l-abbonati u l-utenti rreġistrati kollha, il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika u d-*data* kollha dwar it-traffiku, u ma tipprevedi l-ebda differenzjazzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni skont l-oġettiv. Il-qrati nazzjonali qed ifittxu kjarifika ulterjuri mill-QĠUE tal-kriterji li stabbilixxiet f'kawżi preċedenti, u għadd ta' deċiżjonijiet preliminari dwar dan huma pendent.

L-għarfien espert legali u tekniku tal-organizzazzjonijiet ikkwalfikati tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali biex jiġu applikati d-drittijiet għall-protezzjoni tad-*data* u għall-privatezza. Id-dritt – stabbilit mill-Artikolu 80 (1) tal-GDPR – għas-suġġetti tad-*data* biex jawtorizzaw korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mhux għall-profitti biex jirrappreżentawhom huwa pass pożittiv. Madankollu, ftit Stati Membri għamlu użu mill-Artikolu 80(2), li jippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw lil tali korpi jniedu proċedimenti legali mingħajr mandat mis-suġġetti tad-*data*.

Bħal dak tal-awtoritajiet superviżorji, l-ammont ta' xogħol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-investigazzjonijiet u l-ilmenti żdied b'mod konsiderevoli minn mindu dahl fis-seħħ il-GDPR. Madankollu, dawn jiffaċċjaw sfidi addizzjonali, minħabba li r-riżorsi tagħhom huma skarsi. Barra minn hekk, huwa diffiċli li tinkiseb evidenza ta' ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali, minħabba l-kumplessità teknika involuta.

Hemm tiġrija għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' għodod tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), u l-UE qed tagħmel ħilitha biex tmexxi dan il-proċess. Għadd ta' Stati Membri tal-UE li jħaddmu l-IA fis-settur tas-sigurtà u dak soċjoekonomiku ffaċċjaw sfidi kbar biex jagħmlu t-teknoloġija trasparenti. Minkejja l-isforzi kontinwi biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-użu etiku tal-IA, l-Ewropej għadhom mhumiex konxji dwar l-implikazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali, bħad-dritt għall-privatezza jew in-nondiskriminazzjoni, u kemm qed tintuża b'mod preċiż it-teknoloġija tal-IA. Pereżempju, huwa diffiċli li tiġi ppruvata li seħħet diskriminazzjoni meta t-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati juża algoritmi kumplessi. Barra minn hekk, it-tfassil ta' profili permezz ta' pproċessar awtomatizzati tad-*data* potenzjalment jista' jwassal għal esklużjoni soċjali, li l-Istati Membri jqisu bħala riskju kbir għas-soċjetà. Xi ftit kawżi ġudizzjarji diġà qed isawru u jippromwovu bidliet fil-proċess tat-tfassil tal-politika u f'dak leġiżlattivi. Mhuwiex stabbilit sew kif għandhom

L-OPINJONI 6.4 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrieżaminaw ir-regoli nazzjonali dwar iż-żamma ta' *data* mill-fornituri tas-servizzi sabiex jallinjawha mar-rekwiżiti tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

7

ID-DRITTJIET TAT-TFAL



Tletin sena wara l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fl-2019 saru żviluppi ġodda ta' politika fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea l-ġdida impenjat ruħha li tadotta strateġija komprensiva ġdida dwar id-drittijiet tat-tfal. Il-prijoritajiet tagħha kienu jinkludu l-istabbiliment ta' Garanzija tal-UE għat-Tfal. Dan huwa importanti għaliex, minkejja titjib żgħir, kważi wieħed minn kull erbat itfal fl-Ewropa baqa' f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Ir-riskju huwa l-ogħla għal tfal bi sfondi ta' migrazzjoni jew b'ġenituri li għandhom livell aktar baxx ta' edukazzjoni. Sa Ġunju 2019, l-Istati Membri kellhom jinkorporaw fil-liġi nazzjonali d-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċeduri kriminali. Madankollu, diversi Stati Membri kienu għandhom qed jemendaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom matul is-sena. Il-Kummissjoni Ewropea bdiet proċeduri ta' ksur għal nuqqas ta' notifika kontra seba' Stati Membri. L-iskadenza biex id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva tiġi inkorporata fil-liġi nazzjonali, li għandha l-għan li ssaħħa is-sikurezza online, hija fl-2020. Ftit li xejn sar progress f'dan ir-rigward. Sadanittant, għalkemm l-abbuż sesswali online kien qed jiżdied, il-Kummissjoni Ewropea kellha tniedi proċeduri ta' ksur kontra 23 Stat Membru talli naqsu milli jimplementaw id-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali.

Kważi persuna waħda minn kull erbgħa fl-UE għadha tgħix f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Dan iqajjem tħassib skont l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jipprevedi li "It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom", u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jstabbilixxi d-dritt li t-tfal ikunu protetti kontra l-faqar. Fl-2019, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea esprimew impenn politiku qawwi favur il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-istabbiliment ta' Garanzija tal-UE għat-Tfal. Sabiex il-garanzija tiġi implimentata, jeħtieġ li dan l-impenn politiku qawwi mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż il-Kunsill tal-UE, u mill-Istati Membri, ikompli.

Il-Garanzija tal-UE għat-Tfal mistennija tiżgura li kull tifel u tifla li jgħixu fil-faqar, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, ikollhom aċċess għal nutrizzjoni adegwata, akkomodazzjoni deċenti, u kura tas-saħħa mingħajr ħlas, edukazzjoni u edukazzjoni bikrija tat-tfal u kura. Dan jikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenni legali tal-UE u tal-Istati Membri fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal. Dan jgħin ukoll biex jiġi implimentat l-impenn politiku ewlieni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli biex ħadd ma jitħalla lura.

Il-Parlament Ewropew enfażizza l-importanza ta' finanzjament adegwat kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali b'appoġġ għal Garanzija għat-Tfal futura. Dan ippropona li l-Istati Membri jallokaw mill-inqas EUR 5.9 biljun tal-Fond Soċjali Ewropew Plus għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 biex tiġi appoġġata l-Garanzija għat-Tfal.

L-OPINJONI 7.1 TAL-FRA

Il-leġiżlatura tal-UE għandha tiżgura li Garanzija tal-UE għat-Tfal futura jkollha r-riżorsi adegwati permezz tal-fondi tal-UE u ssir prijorità ta' investiment speċifika għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom iqisu li jadottaw rakkomandazzjoni għall-Garanzija tal-UE għat-Tfal biex tipprovdi l-gwida meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tagħha. Dan għandu jinkludi pjan direzzjonali u miżuri ta' politika konkreti b'referenza għall-impenni legali u ta' politika. Is-Semestru Ewropew għandu jirrieżamina rapporti regolari ta' progress fir-rigward ta' dik ir-rakkomandazzjoni u jagħti informazzjoni rilevanti fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu speċifiċi għall-pajjiż, speċjalment peress li l-fondi tal-UE se jintużaw biex jappoġġaw l-implimentazzjoni.

L-OPINJONI 7.2 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jittrasponu d-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali biex jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tas-salvagwardji proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali. Dawn għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħha billi jassistu lill-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja involuti fi proċedimenti kriminali permezz ta' gwida u taħriġ professjonali. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tappoġġa aktar lill-Istati Membri tal-UE – pereżempju, permezz tal-għoti ta' aktar gwida leġiżlattiva u billi tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi prattiċi fost l-Istati Membri. L-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jivvalutaw u jqisu l-esperjenzi proprji tat-tfal, u l-perspettivi, dwar kemm jiġu implimentati b'mod effettiv dawk is-salvagwardji proċedurali.

L-OPINJONI 7.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE, f'kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi u l-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili, għandhom jidentifikaw u jiżviluppaw miżuri xierqa biex jipprovdu informazzjoni ċara dwar l-applikazzjoni tal-GDPR lit-tfal biex jibbilanċjaw id-dmir li t-tfal jiġu protetti mal-ħtieġa li t-tfal jingħataw aċċess għall-internet. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiffaċilita qbil fost l-Istati Membri u l-fornituri tas-servizzi dwar għodod standard għall-verifika tal-età.

L-OPINJONI 7.4 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom iniedu jew ikomplu l-proċess ta' traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva. Dawn għandhom jagħmlu dan f'konsultazzjoni mill-qrib mal-fornituri tas-servizzi u l-atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili. Dawn għandhom jagħtu wkoll attenzjoni partikolari lill-indirizzar tal-abuż sesswali tat-tfal online, speċjalment il-kondiviżjoni tal-pornografija tat-tfal, kif meħtieġ mill-Artikolu 28b tad-Direttiva.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu kull sforz lejn it-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali, u jiżguraw leġiżlazzjoni u miżuri ta' politika adegwati. Dawn għandu jkollhom l-għan li jipprevjenu b'suċċess reati ta' abbuż sesswali, jipproteġu lill-vittmi b'mod xieraq għall-età tagħhom, u jressqu lit-trasgressuri quddiem il-qorti talli jkunu wettqu kwalunkwe forma ta' abbuż sesswali permezz tal-internet.

L-Istati Membri tal-UE kellhom jinkorporaw id-Direttiva dwar is-Salvagwardji Proċedurali (2016/800/UE) fil-liġi nazzjonali sal-11 ta' Ġunju 2019. Id-direttiva tiggarrantixxi salvagwardji proċedurali għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali. Dan jinkludi d-dritt tad-difiża u l-preżunzjoni ta' innoċenza, kif stabbilit fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja, kif stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta. Il-preambolu tagħha jitlob li jitqiesu l-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal.

Madankollu, sad-data tal-iskadenza, 13-il Stat Membru biss kienu nnotifikaw l-inkorporazzjoni sħiħa. Il-Kummissjoni Ewropea nediet proċeduri ta' ksur kontra seba' Stati Membri minħabba nuqqas ta' notifika.

L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipproklama d-dritt tat-tfal li jkunu protetti u, barra minn hekk, li jinSTEMGĦU. Dawn id-drittijiet ta' spiss ikunu f'riskju fid-dinja online.

Il-GDPR jispeċifika li, għal tfal taħt is-16-il sena, id-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri għandu jagħti l-kunsens jew jawtorizza l-ipproċessar tad-data personali tagħhom fir-rigward tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni offruti direttament lit-tfal. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu età aktar baxxa għall-kunsens, sakemm dan ma jkunx inqas minn 13-il sena. L-Istati Membri stabbilixxew limiti tal-età differenti, li jvarjaw minn 13 sa 16-il sena. Il-grupp ta' Esperti ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-GDPR innota li hemm nuqqas ta' gwida dwar il-limiti tal-età għal għodod ta' kunsens u verifika tal-età.

Ftit li xejn sar progress fir-rigward tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (id-Direttiva (UE) 2018/1808) riveduta fil-liġi nazzjonali, li hija mistennija li ssir f'Settembru 2020. Id-Direttiva tirregola l-aċċess tat-tfal għall-midja awdjoviżiva kollha, inkluż, pereżempju, pjattaformi ta' kondiviżjoni ta' vidjos bħal YouTube jew Instagram. Din tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa kontra l-pornografija tat-tfal.

Sadanittant, l-abbuż sesswali tat-tfal online qed jiżdied. Fl-2019, il-Kummissjoni Ewropea nediet proċeduri ta' ksur kontra 23 Stat Membru tal-UE talli naqsu milli jimplimentaw id-Direttiva dwar l-Abbuż Sesswali (2011/93/UE).

8

L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA

Fl-2019, l-istituzzjonijiet tal-UE għamlu fihom lihom biex itejbu l-aċċess tal-vittmi għal kumpens u ġustizzja. Il-Kunsill tal-UE talab li titfassal strateġija ġdida dwar id-drittijiet tal-vittmi. Dan jirrikonoxxi li għad hemm lakuni fil-protezzjoni tal-vittmi kif ukoll juri l-impenn tal-Istati Membri biex jinfurzaw id-drittijiet tal-vittmi. Il-Kunsill talab lill-FRA u lil aġenziji oħra tal-UE biex jappoġġaw lill-Istati Membri f'dan l-isforz. Xi Stati Membri komplew jopponu l-Konvenzjoni ta' Istanbul fl-2019. Dan wassal għal rispons partikolarment qawwi mill-Parlament Ewropew. Dan talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tindirizza diversi aspetti tal-bażi ġuridika xierqa għall-UE biex taderixxi mal-konvenzjoni. Sadanittant, komplew l-isfidi għall-indipendenza tal-qrati. Dawn enfasizzaw il-ħtieġa għal sforzi kkoordinati b'mod aktar effettiv biex jitħares l-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet pjan għal azzjoni, li jipproponi l-hekk imsejjaħ "ċiklu tal-istat tad-dritt".

Fl-2019, kważi nofs l-Istati Membri tal-UE adottaw jew raw id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni biex tiġi implimentata aħjar id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE). Madankollu, ma kien hemm l-ebda żvilupp notevoli fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi biex jipparteċipaw fil-proċedimenti.

Diversi Stati Membri eliminaw lakuna kbira biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-vittmi billi pprovdew servizzi ta' appoġġ għall-vittmi lill-kategoriji kollha ta' vittmi tal-kriminalità għall-ewwel darba. Stati Membri oħra ħadu passi biex jipproteġu lill-vittmi matul il-proċedimenti u jipprevjenu l-vittimizazzjoni sekondarja.

Fit-3 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill tal-UE adotta konklużjonijiet dwar id-drittijiet tal-vittmi. Dawn jużaw, parzjalment, evidenza tar-rapporti 2019 tal-FRA dwar il-ġustizzja għall-vittmi ta' reati vjolenti. Il-konklużjonijiet jirrikonoxxu li huma meħtieġa miżuri biex jittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja u għall-kumpens. Dawn jistiednu wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal strateġija tal-UE għall-2020-2024 dwar il-futur tad-drittijiet tal-vittmi.



L-OPINJONI 8.1 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jkomplu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw b'mod effettiv id-drittijiet tal-vittmi fil-prattika. Dawn għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-introduzzjoni ta' miżuri li jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jaċċessaw il-kumpens matul il-proċedimenti kriminali u li jirċievu kumpens adegwat bħala vittmi ta' reati vjolenti għall-ħsara li jkunu sofrew minħabba r-reat. L-Istati Membri tal-UE għandhom iżidu wkoll l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-vittmi jkollhom rwol xieraq fi proċedimenti ġudizzjarji rilevanti.



L-OPINJONI 8.2 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri kollha tal-UE li s'issa għadhom ma għamlux dan, huma mħeġġa jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul). Il-FRA thegheg lill-Istati Membri jindirizzaw il-lakuni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tan-nisa li huma vittmi ta' vjolenza.

L-OPINJONI 8.3 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma mħeġġa jkomplu jsaħħu l-isforzi u l-kollaborazzjoni tagħhom biex iżommu u jsaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura, komponent essenzjali tal-istat tad-dritt. L-isforzi li jikkonċernaw il-proposta l-għdida dwar iċ-“ċiklu tal-istat tad-dritt” jistgħu jinkludu gwida aħjar għall-Istati Membri tal-UE biex jirrikonoxxu u jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni possibbli marbuta mal-istat tad-dritt. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE kkonċernati għandhom jieħdu azzjoni fil-pront biex jikkonformaw bis-sħiħ mas-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jaġixxu fuq rakkomandazzjonijiet bħal dawk li toħroġ il-Kummissjoni Ewropea fil-proċedura tal-istat tad-dritt tagħha.

Fl-2019, l-Irlanda rratifikat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul), u b'hekk dan wassal biex l-għadd totali tal-Istati Membri tal-UE li kienu rratifikaw il-konvenzjoni sat-tmiem tal-2019 tela' għal 21. Diversi Stati Membri ħadu miżuri biex jikkriminalizzaw l-atti sesswali kollha mhux kunsenswali kif stabbilit fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, minflok ma jillimitaw reati kriminali bħal stupru għal sitwazzjonijiet li jinvolvu forza jew vjolenza fiżika.

L-UE stinkat biex tiżgura r-ratifika tal-konvenzjoni kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri kollha, fost l-oppożizzjoni vokali ta' xi Stati Membri għall-konvenzjoni minkejja li ffirmawha.

Ġudikatura indipendenti hija l-pedament tal-istat tad-dritt u tal-aċċess għall-ġustizzja (ara l-Artikolu 19 tat-TUE, l-Artikolu 67(4) tat-TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE). L-isfidi fil-qasam tal-ġustizzja żdiedu f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja. Dan wassal lill-Kummissjoni Ewropea biex toħroġ pjan għal azzjoni biex jissaħħa l-istat tad-dritt. Din ipproponiet iċ-“ċiklu tal-istat tad-dritt”. Dan se jinvolvi kemm lill-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kunsill tal-UE, u se japplika għall-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li jiffoka b'mod partikolari fuq dawk il-pajjiżi fejn ir-riskji huma identifikati.



9

L-IŻVILUPPI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KONVENZJONI DWAR ID-DRITTIJET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Għaxar snin wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), fl-2019 kien hemm diversi żviluppi ewlenin. Dawn se jsawru t-tieni deċennju tal-implimentazzjoni tal-konvenzjoni mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Inħatar l-ewwel Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza li qatt kien innominat, li huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tas-CRPD. Ġie adottat l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, li introduċa rekwiżiti ta' aċċessibbiltà komuni għall-prodotti u s-servizzi magħżula. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE waslu għal ftehim preliminari dwar il-lingwaġġ relatat mad-diżabilità u l-aċċessibbiltà fir-rigward tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Bejn l-2010 u l-2020, bdiet evalwazzjoni tal-istrategġija dwar id-diżabilità. Din se tikkontribwixxi għal strategġija futura tal-UE dwar id-diżabilità. Sadanittant, l-Istati Membri ħadu passi biex jiżguraw edukazzjoni inklużiva u impjegi ugwali għal persuni b'diżabilità. Għadd ta' Stati Membri ħadu wkoll azzjoni biex jiżguraw ambjent mibni aċċessibbli għal kulħadd. Il-bidliet fil-liġijiet elettorali nazzjonali taw ħafna aktar opportunitajiet lill-persuni b'diżabilità biex jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej, għalkemm l-aċċessibbiltà baqgħet problema.



L-OPINJONI 9.1 TAL-FRA

L-istrateġija tal-UE dwar id-Diżabbiltà għall-perjodu ta' wara l-2020 għandha tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat CRPD adottati fl-2015.

B'mod aktar speċifiku, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabbiltà ta' wara l-2020 għandha tiżgura li:

- id-dispożizzjonijiet tas-CRPD jiġu integrati fl-oqsma rilevanti kollha tad-dritt, il-politiki u l-programmi tal-Unjoni, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda;
- il-persuni b'diżabbiltà, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili jkunu impenjati b'mod xieraq fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġija l-ġdida;
- jintgħażlu punti fokali ta' diżabbiltà kkoordinati tajjeb fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE;
- id-data rilevanti miġbura mill-Istati Membri tiġi diżaggregata b'mod li jippermetti l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-CRPD.

L-OPINJONI 9.2 TAL-FRA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà inkorporati fis-CRPD u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiġu rrispettati bis-sħiħ fl-iżborż tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). Dan se jżid kemm jista' jkun il-potenzjal tal-fondi tal-UE biex jiġi appoġġat l-għajxien indipendenti. F'dan ir-rigward, l-UE għandha tadotta l-kundizzjonijiet abilitanti l-ġodda li jstabbilixxu l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u tas-CRPD, kif stabiliet fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni li ġie propost mill-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Sabiex ikun hemm monitoraġġ effettiv tal-fondi u tal-eżiti tagħhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu passi biex jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà u l-korpi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fil-kumitati ta' monitoraġġ tal-FSIE. L-allokazzjoni ta' riżorsi umani u ta' finanzjament adegwat għal dawn l-organizzazzjonijiet u l-korpi, u l-allokazzjoni ta' riżorsi tal-UE għal dak il-għan se jżidu l-effiċjenza tal-kundizzjonijiet abilitanti proposti.

L-OPINJONI 9.3 TAL-FRA

L-Istati Membri tal-UE li għadhom ma sarux parti għall-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD għandhom iqisu li jlestu l-passi meħtieġa biex jiżguraw ir-ratifika tagħha biex tintlaħaq ratifika sħiħa u mifruxa mal-UE kollha tal-Protokoll Fakultattiv tagħha. L-UE għandha tqis ukoll li tiegħu passi rapidi biex taderixxi mal-Protokoll Fakultattiv.

L-istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010–2020 laqgħet il-biċċa l-kbira tal-għanijiet tagħha u l-maġġoranza tal-parteċipanti fl-evalwazzjoni tal-istrateġija tal-2019 – li twettqet f'isem il-Kummissjoni – ħassew li hemm valur miżjud fil-fatt li hemm tali strateġija. Dawn enfasizzaw ukoll riżultati konkreti tal-istrateġija, bħall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà. Dan juri l-importanza li jkun hemm dokument ta' politika ta' dan it-tip biex jiggwida l-azzjoni fil-livell tal-UE.



Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) jaqdu rwol importanti f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inkluż l-appoġġ tal-isforzi nazzjonali sabiex jinkiseb għajxien indipendenti. Il-ftehim provviżorju bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-regolamenti proposti għall-perjodu ta' finanzjament 2021–2027 jinkludi garanziji importanti dwar id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet abilitanti proposti u rwol aktar b'saħħtu għall-kumitati ta' monitoraġġ. Is-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà u l-korpi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, jistgħu jaqdu rwol importanti fil-monitoraġġ effettiv tal-użu tal-fondi.



Sitt Stati Membri u l-UE għadhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD. Dan jippermetti lill-individwi jressqu lmenti quddiem il-Kumitat tas-CRPD u jippermetti lill-kumitat iniedi inkjesti kunfidenzjali malli jirċievi "informazzjoni affidabbli li tindika ksur gravi jew sistematiku" tal-konvenzjoni (l-Artikolu 6).



Is-sena 2019 gábet magħha kemm progress kif ukoll ostakoli f'termini ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Ir-*Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020* tal-FRA jirrieżamina l-iżviluppi ewlenin fl-UE bejn Jannar u Diċembru 2019, u jagħti deskrizzjoni tal-fehmiet tal-FRA dwar dawn. Filwaqt li jinnota kemm il-kisbiet kif ukoll l-oqsma ta' tħassib li għad fadal, dan jipprovdi intuwiti fil-kwistjonijiet ewlenin li jsawru d-dibattiti dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE kollha.



L-enfasi ta' din is-sena hija fuq l-applikazzjonijiet attwali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-bqija tal-kapitoli jiddiskutu l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata; l-integrazzjoni tar-Rom; l-asil u l-migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.



PROMOTING AND PROTECTING YOUR FUNDAMENTAL RIGHTS ACROSS THE EU —

Għar-Fundamental Rights Report 2020 (Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020) sħiħ tal-FRA – ara <https://fra.europa.eu/en/publication/2020/fundamental-rights-report-2020>

Ara wkoll pubblikazzjonijiet tal-FRA relatati:

- FRA (2020), *Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2020 – opinjonijiet tal-FRA*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <https://fra.europa.eu/en/publication/2020/fundamental-rights-report-2020-fra-opinions> (disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE),
- FRA (2020), *Ten years on: unlocking the Charter's full potential* (Għaxar snin wara: nisfruttaw il-potenzjal sħiħ tal-Karta), il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, <https://fra.europa.eu/en/publication/2020/frr-focus-ten-years-charter> (disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż).

Ir-rapporti annwali preċedenti tal-FRA dwar l-isfidi u l-kisbiet fil-qasam tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea għadhom disponibbli fuq is-[sit web](#) tal-FRA (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

AKTAR INFORMAZZJONI



FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 - 1040 Vjenna - L-Awstrija
Tel. +43 158030-0 – Fax +43 158030-699
fra.europa.eu

facebook.com/fundamentalrights
 twitter.com/EURightsAgency
 linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea